Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10183 — AustralianSuper/CPPIB/Transurban/Transurban Chesapeake)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 71/10)

1. Fit-22 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AustralianSuper Pty Ltd bħala fiduċjarja ta' AustralianSuper ("AustralianSuper", l-Awstralja),

— Canada Pension Plan Investment Board ("CPPIB", il-Kanada),

— Transurban International Ltd ("Transurban", l-Awstralja),

— Transurban Chesapeake LLC ("Transurban Chesapeake", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Transurban.

AustralianSuper, CPPIB u TranSUrban jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Transurban Chesapeake kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AustralianSuper: L-akbar superannwazzjoni tal-industrija u l-fond tal-pensjoni tal-Awstralja. Bil-kwartieri ġenerali f'Melbourne, hija investiet primarjament fl-Awstralja iżda f'dawn l-aħħar snin espandiet l-attivitajiet ta' investiment globali tagħha,

— CPPIB: hija organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-investimenti li tinvesti l-fondi ttrasferiti lilha permezz tal-Canada Pension Plan. CPPIB tinvesti prinċipalment f'ekwitajiet pubbliċi, ekwitajiet privati, proprjetà immobbli, infrastruttura u investimenti b'introjtu fiss f'livell globali,

— Transurban: kumpanija ta' operatur tat-toroq b'pedaġġ li tiġġestixxi u tiżviluppa networks tat-toroq urbani b'pedaġġ fl-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka. Hija elenkata fil-Borża tat-Titoli Awstraljana,

— Transurban Chesapeake: kumpanija involuta fl-iżvilupp, il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-kummerċjalizzazzjoni ta' toroq b'pedaġġ fiż-żona akbar ta' Washington D.C., tal-Istati Uniti tal-Amerka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10183 — AustralianSuper/CPPIB/Transurban/Transurban Chesapeake

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË